

# Dikjarazzjoni



## Dikjarazzjoni 04/2022 dwar l-għażliet li jirrigwardaw id-disinn għal euro diġitali mill-perspettiva tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data*

Adottata fl-10 ta' Ottubru 2022

Translations proofread by EDPB Members.  
This language version has not yet been proofread.

### Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* adotta d-dikjarazzjoni li ġejja:

F'Lulju 2021, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) iddeċieda li jniedi fażi ta' investigazzjoni ta' 24 xahar għal euro diġitali possibbli, bl-għan li joħroġ l-euro diġitali, jekk jiġi kkonfermat, sentejn jew tliet snin wara<sup>1</sup>.

Minħabba r-riskji kbar possibbli għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali li t-twettiq fil-prattika ta' tali proġett jista' jgħib miegħu għaċ-ċittadini Ewropej, l-EDPB ħareġ ittra<sup>2</sup> li tfakkar il-prinċipju tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod prestabbilit u li toffri l-parir tiegħu dwar is-suġġett matul il-fażi ta' investigazzjoni. Wara r-rispons pożittiv tal-BĊE, l-EDPB ta bidu għal laqgħat tal-esperti mal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u mat-tim operazzjonali tal-Euro Diġitali, li kienu ferm ta' siwi għal komprensioni aħjar tal-proġett. Dawn l-iskambji ppermettew lill-EDPB jagħti feedback regolari lit-tim operazzjonali tal-BĊE fir-rigward tal-implikazzjonijiet ta' politika tal-proġett f'termini ta' privatezza u protezzjoni tad-*data*.

Fi Frar 2022, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret l-intenzjoni tagħha li tintavola abbozz ta' strument leġiżlattiv tal-UE li jappoġġa l-introduzzjoni tal-euro diġitali fil-liġi tal-UE fl-2023<sup>3</sup>. Fl-aħħar

<sup>1</sup> Għal aktar [Mistogsijiet frekwenti fuq l-euro diġitali \(europa.eu\)](https://europa.eu/europa/en/ip-issues/2021-07-20-21-0111-digital-euro-to-ecb-en-1.pdf), ara l-mistoqsija 8

<sup>2</sup> [https://edpb.europa.eu/system/files/2021-07/edpb\\_letter\\_out\\_2021\\_0111-digitaleuro-toecb\\_en\\_1.pdf](https://edpb.europa.eu/system/files/2021-07/edpb_letter_out_2021_0111-digitaleuro-toecb_en_1.pdf)

<sup>3</sup> L-ittra ta' intenzjoni tal-Istat tal-Unjoni tal-Kummissjoni Ewropea [https://state-of-the-union.ec.europa.eu/system/files/2022-09/SOTEU\\_2022\\_Letter\\_of\\_Intent\\_MT\\_0.pdf](https://state-of-the-union.ec.europa.eu/system/files/2022-09/SOTEU_2022_Letter_of_Intent_MT_0.pdf)

nett, il-Grupp tal-Euro kellu diversi diskussjonijiet tematiċi fl-2021 u fl-2022 sabiex japprofondixxi l-aspetti ta' politika prinċipali tal-proġett, inklużi l-aspetti tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data*.

Peress li l-Kunsill Governattiv tal-BĊE reċentement ħa passi dwar l-ewwel subsett ta' għażliet tad-disinn tal-fażi ta' investigazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà online/offline tal-euro diġitali, il-livell ta' privatezza tad-*data* u l-mekkaniżmi ta' trasferiment, l-EDPB irid ifakkar bil-miktub il-gwida mogħtija u l-pożizzjoni espressa matul l-aħħar sena.

## Il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod prestabbilit

Bħala kumment preliminari, l-EDPB ifakkar<sup>4</sup> li standard għoli ħafna ta' privatezza u protezzjoni tad-*data*, f'konformità mal-aspettattivi tal-pubbliku espressi miċ-ċittadini, huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-Ewropej fl-euro diġitali fil-futur, li tirrappreżenta fattur ewlieni ta' suċċess tal-proġett. Meta mqabbel mal-flus kontanti fiżiċi u l-proprjetajiet ta' benefiċċju tagħhom għall-privatezza u l-libertajiet, huwa żgur li l-valur distintiv għal euro diġitali f'xenarju ta' pagamenti diġà ferm kompetittiv u effiċjenti jkun il-livell għoli ta' privatezza tiegħu, li huwa l-kompitu tas-settur pubbliku li jipprovdi, u jkun fattur deċiżiv li jwassal biex iċ-ċittadini tal-UE jadottawh. Għal din ir-raġuni, euro diġitali għandu jiġi ddisinjat b'mod kemm jista' jkun simili għall-flus kontanti fiżiċi.

L-EDPB jirrakkomanda li, sabiex jiġu ssodisfati l-prinċipji tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod prestabbilit f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, il-fażi ta' investigazzjoni għandha tesplora soluzzjonijiet teknoloġiċi differenti, diġà disponibbli jew inkella skalabbli f'perjodu ta' żmien raġonevoli, biex ikun jista' jsir paragun bejn għażliet ta' disinn differenti filwaqt li jitqiesu l-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*. F'dan ir-rigward, l-għażliet ta' disinn adottati mill-BĊE għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-impatt dokumentata tar-riskji kollha kkonċernati li għadhom jipprivileġġaw teknoloġiji innovattivi li jtejbju l-privatezza (bħall-flus elettroniċi, il-Prova ta' Għarfien Żero).

F'dan l-istadju tal-fażi ta' investigazzjoni, l-opzjonijiet ta' disinn dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* ġew approvati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE, abbażi tan-natura tal-validazzjoni tat-tranżazzjonijiet u t-tip ta' użu (online jew offline) tal-euro diġitali, kif rifless mid-dokumenti ppreżentati mill-BĊE fl-ambitu tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati<sup>4</sup> li ġew ikkonfermati *mir-rapport tal-BĊE dwar il-progress fil-fażi ta' investigazzjoni ta' euro diġitali*, ippubblikat reċentement<sup>5</sup>.

## Evitar ta' validazzjoni u traċċar sistematiċi tat-tranżazzjonijiet

L-EDPB jinnota li x-“xenarju bażi” magħżul mill-BĊE jkun li tiġi żviluppata forma ta' euro diġitali disponibbli online u bi tranżazzjonijiet invalidati minn parti terza<sup>5</sup>. Tali għażla tad-disinn tkun tinvolvi trasparenza sħiħa ta' ċerta *data* personali (inkluża *data* dwar it-tranżazzjonijiet) lill-parti terza għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT). L-introduzzjoni ta' modalità offline, bi tranżazzjonijiet u depożiti privati għall-pagamenti ta' prossimità ta' valur baxx, u ta' approċċ ta' “privatezza selettiva”<sup>5</sup> għall-modalità online, fejn tranżazzjonijiet ta' valur kbir biss

<sup>4</sup>[https://www.ecb.europa.eu/paym/digital\\_euro/investigation/governance/shared/files/ecb.degov220504\\_foundedesignoptions.en.pdf?6350327ade6044017df4df0a8812b7dc](https://www.ecb.europa.eu/paym/digital_euro/investigation/governance/shared/files/ecb.degov220504_foundedesignoptions.en.pdf?6350327ade6044017df4df0a8812b7dc)

<sup>5</sup>[https://www.ecb.europa.eu/paym/digital\\_euro/investigation/profuse/shared/files/dedocs/ecb.dedocs220929.en.pdf](https://www.ecb.europa.eu/paym/digital_euro/investigation/profuse/shared/files/dedocs/ecb.dedocs220929.en.pdf); il-paġni 5 sa 8.

ikunu soġġetti għall-kontrolli tal-AML/CFT, huma elementi deskritti bħala “lil hinn mix-xenarju bażi” u teħtieġ aktar investigazzjoni.

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta’ politika minqax fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali u l-istandard għoli ta’ privatezza li s-settur pubbliku biss jista’ joffri, jaf ma jkunx dejjem xieraq li tiġi prevista validazzjoni tat-tranżazzjonijiet minn parti terza. Il-kontrolli regolatorji, jekk ikunu meħtieġa, bħala regola għandhom isiru *ex post* u fuq bażi mmirata, jekk ikun hemm riskju speċifiku ta’ AML/CFT. Validazzjoni tat-tranżazzjonijiet kollha (kull waħda) f’euro diġitali jaf ma tkunx konformi mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* tan-neċessità u tal-proporzjonalità, kif interpretati mill-ġurisprudenza tal-QĠUE<sup>6</sup>.

### Livell limitu ta’ privatezza, kemm offline kif ukoll online

F’dan il-kuntest, l-EDPB jissuġġerixxi li fix-xenarju bażi, kemm għall-modalitajiet offline kif ukoll online, jiġi introdott “livell limitu ta’ privatezza” espress bħala valur tat-tranżazzjoni li taħtu ma jista’ jseħħ l-ebda traċċar tat-tranżazzjonijiet, u b’hekk iċ-ċittadini jserrġu rashom fir-rigward tal-privatezza tal-pagamenti ta’ kuljum f’euro diġitali u tiġi riflessa n-natura ta’ riskju baxx tagħhom f’termini ta’ AML/CFT. Dan in-nuqqas ta’ traċċar ifisser li t-tranżazzjonijiet ta’ valur baxx ma jkunx soġġetti għal kontrolli u ma jiġux irreġistrati fil-kontijiet tal-intermedjarju.

Barra minn hekk, l-EDPB jirrakkomanda li l-euro diġitali jiġi mmudellat b’mod kemm jista’ jkun simili għall-modalità bejn il-pari, disponibbli kemm offline kif ukoll online, kuntrarjament għal mudell ibbażat fuq il-kontijiet. F’każ li jkun meħtieġ kont għall-funzjonament tal-euro diġitali, l-EDPB jirrakkomanda li jiġi esplorat jekk u kif il-funzjonament tiegħu jista’ jnaqqas l-interkonnessjonijiet mal-kontijiet bankarji jew tal-flus elettroniċi għaż-żmien li fih l-utenti jiddepożitaw mill-portafoll tal-euro diġitali tagħhom jew jimlewh mill-ġdid, kif jiġri bħalissa bl-ATMs<sup>7</sup>.

### Ittiegħa għal qafas regolatorju speċifiku

Apparti minn hekk, l-EDPB jirrakkomanda l-iżvilupp ta’ qafas ġuridiku speċifiku għall-euro diġitali, li għandu jindirizza speċifikament l-aspetti tal-protezzjoni tad-*data* u tal-AML/CFT, flimkien mal-iżvilupp ta’ kwistjonijiet ġuridiċi oħra. Fil-fatt, il-qafas ġuridiku attwali dwar il-pagamenti elettroniċi<sup>8</sup> ma jidhix li huwa xieraq għal għodda bħall-euro diġitali, li għandha karatteristiċi bażi differenti minn mezzi oħra ta’ pagamenti elettroniċi li jeżistu llum il-ġurnata f’termini ta’ oġġettivi ta’ politika u livell ta’ fiduċja meħtieġa biex jintlaħqu l-aspettattivi tal-pubbliku. L-EDPB jirrakkomanda li dan il-qafas ġuridiku speċifiku għandu jkun parti mix-“xenarju bażi” previst mill-istituzzjonijiet tal-UE.

Għalhekk, l-EDPB jilqa’ l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi tali qafas ġuridiku fl-2023. Jinsab lest li, b’segwitu għal dan, jipprovdi gwida rilevanti lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi biex jiġi żgurat li

<sup>6</sup> Ara b’mod partikolari: La Quadrature du Net *et* (il-kawża C-511/18, sentenza mogħtija fis-6 ta’ Ottubru 2020), ECLI:EU:C:2020:791; Tele2 Sverige AB (il-kawża C-203/15, sentenza mogħtija fil-21 ta’ Diċembru 2016), ECLI:EU:C:2016:970; Ministerio Fiscal (il-kawża C-207/16, sentenza mogħtija fit-2 ta’ Ottubru 2018), ECLI:EU:C:2018:788.

<sup>7</sup> Magni awtomatiċi għall-ġbid tal-flus jew magni bankarji użati għall-ġbid tal-flus.

<sup>8</sup> Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi u d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar is-servizzi ta’ pagament fis-suq intern

jintlaħaq il-bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tad-*data* u objettivi oħra, bħall-AML/CFT, filwaqt li jitqiesu l-objettivi rilevanti kollha tal-introduzzjoni tal-euro diġitali. Din il-gwida tista' tkun ibbażata fuq id-dikjarazzjoni preżenti, laqgħat informali kif meħtieġ u opinjoni konġunta tal-EDPB/EDPS dwar l-abbozz ta' strument leġiżlattiv tal-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-valutazzjoni minn qabel kif suppost tar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*, l-EDPB ifakkar li se tkun meħtieġa valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* f'konformità mar-regolamenti attwali dwar il-protezzjoni tad-*data*. L-EDPB jirrakkomanda wkoll li, qabel ma jiġu proposti opzjonijiet ta' disinn speċifiċi, il-valutazzjonijiet tar-riskju tal-privatezza u tal-AML/CFT għandhom isiru flimkien sabiex iż-żewġ riskji, li b'xi mod jew ieħor huma relatati b'mod reċiproku, jiġu vvalutati u mitigati b'mod komprensiv.

## Thegħiġ tad-dibattitu demokratiku pubbliku

Fl-aħħar nett, l-EDPB jistieden lill-BĊE u lill-Kummissjoni jsaħħu d-dibattitu pubbliku dwar il-protezzjoni tad-*data* personali fil-pagamenti diġitali. Fil-fehma tal-EDPB, il-BĊE u l-Kummissjoni jistgħu jibbenefikaw minn kontribut estern addizzjonali mis-soċjetà ċivili u mill-isfera akkademika dwar kif, fil-prattika, il-proġett tal-euro diġitali jista' jilħaq l-oġġla standards ta' privatezza u ta' protezzjoni tad-*data*.

L-EDPB jilqa' l-iskambji produttivi li saru sa issa mat-tim operazzjonali tal-euro diġitali tal-BĊE u huwa lest li jipprovdi konsulenza ulterjuri lill-BĊE sakemm tkompli l-fażi esploratorja, filwaqt li jirrieżamina u japprofondixxi l-opzjonijiet ta' disinn previsti, bħala kontribut ewlieni għas-suċċess ta' proġett tal-euro diġitali li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-protezzjoni tad-*data* tal-individwi.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-każ ta' użu tal-kummerċ elettroniku tal-prototipar<sup>9</sup>, l-EDPB jirrakkomanda li jiġi żgurat li l-proposta tkun kompletament konformi mad-deċiżjoni Schrems II u regoli applikabbli oħra dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)

---

<sup>9</sup> <https://www.ecb.europa.eu/paym/intro/news/html/ecb.mipnews220916.en.html>